# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 218/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Jesmond Gauci**

iben Mary , imwieled Pieta', fil-25 ta' Novembru, 1966, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 511966(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018.,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jesmond Gauci quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fl-1 ta' Lulju, 2013 għall-ħabta ta' 21:30hrs fi Vjall-Indipendenza, Mosta

1. Soqt jew ipprovajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura Nru. BAH-609 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

2. W'aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontrol tal-vettura Nru. BAH-609 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt.

3. Il-prosekuzzjoni talbet li l-appellant jiġi skwalifikat mill-liċenżji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żrnien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(A)15(B) tal-Kap. 65, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u mmultatu multa ta' €1,200 pagabbli fuq medda ta' tnax-il xahar u ssospeditlu l-liċenżja tas-sewqan għal żmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jesmond Gauci minnu ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha TĦASSAR is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2014 ta1-ismijiet Il-Pulizija vs Jesmond Gauci u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas ta' liberazzjoni, tħassar l-ordni ta' sospensjoni ta' liċenżja tas-sewqan għall-perjodu ta' sitt xhur mogħtija lill-appellant mill-imsemmija Qorti tal-Maġistrati.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-ebda persuna li xehdet ma qalet li hija rat lill-appellant isuq jew pprova jsuq jew kellu taħt il-kontroll tiegħu l-vettura bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni BAH-609. Kull ma xehdu l-pulizija kien illi huma sabu lill-appellant fil-vettura u li meta staqsewh jekk kienx weġgħa jew le huwa kien weġibhom fin-negattiv. Kien għalhekk li huma kienu talbu lill-gwardjani lokali sabiex jiġu fuq il-post u jagħmlu rapport dwar il-ħabta. Peress li kien hemm suspett li l-appellant kien taħt l-influwenza tax-xorb huwa ġie meħud l-għassa tal-Pulizija biex jagħmel il-breathilizer test, liema test irriżulta fil-posittiv.

Il-liġi tuża l-kliem soqt jew ipprovajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura. Hija l-fehma ta' l-appellant li dan l-element ma rnexxilux jiġi ppruvat mill-prosekuzzjoni u konsegwentement huwa

tal-fehma li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħat issibu ħati. Fil-fatt, mill-affidavit tal-PS 1574 Renaldo Cremona ma jirriżultax li huwa kien staqsa lill-appellant jekk huwa kienx qiegħed isuq din il-vettura iżda staqsieh jekk kienx weġġgħa meta mar fuq il-post flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Korp.

Huwa minnu li l-pulizija ġiehom suspett li l-appellant kien taħt l-influwenza tax-xorb u huma fil-fatt amrninistraw il-breathilizer test, liema eżami rriżulta fil-posittiv, pero' dan mhux bilfors jwassal għal fatt li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura in kwistjoni taħt l-influwenza tax-xorb jew inkella li pprova jsuq jew inkella kellu taħt il-kontroll tiegħu l-imsemmija vettura. Ħadd mill-pulizija li marru fuq il-post ma qalu li l-appellant kien qiegħed jipprova jsuq il-vettura jew li kellu taħt il-kontroll tiegħu l-imsemmija vettura jew li rawh isuq l-imsemmija vettura. Huma sabuh fil-vettura bil-qegħda u din il-vettura kienet wieqfa. Lanqas ma kienu preżenti l-pulizija meta seħħ dan l-inċident u huma marru fuq il-post meta ġew infurmati b'telefonata anonima. Hija possibilita li l-appellant kien ha xi xorb alkoholiku wara li kien seħħ l-inċident. Ma hemm xejn rnill-provi li jista b'xi mod, fil-fehma umli ta' l-appellant li jista' b'xi mod jwassal lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li l-appellant kien qiegħed isuq, jew ipprova jsuq jew kellhu taħt il-kontroll tiegħu vettura waqt li huwa kien taħt l-inf1uwenza tax-xorb.

It- Tieni Aggravju:

Mingħajr pregudizzju għal u f'każ biss li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma l-ħtija, l-appellant jikkontendi li ma għandux jiġi skwalifikat mill-liċenżja tas-sewqan tiegħu. L-appellant jaħdem bħala riċevitur tal-lottu part time f'banka tal-lottu ma' Alfred Gerada. Dan jirriżulta ppruvat minn ittra li ġiet esebita fl-atti proċesswali. Dan ifisser li bħala parti mir-responsabilita' tiegħu ta1-imsemmi mpjieg, huwa jagħlaq il-banka tal-lotto filgħaxijiet u jieħu l-flus il-bank permezz ta' karozza. Fl-okkażjonijiet meta dan Gerada jkun imsiefer l-appellant ikun unikament responsabbli biex jiftaħ u jagħlaq l-imsemmija banka tal-Lottu kif ukoll jieħu ħsieb illi l-flus jiġu ddepożitati fil-bank.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

'Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fi-lkonkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi: Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991; Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994; 6 Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiz fis-6 ta' Ġunju, 1994; Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995; Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.' (Ara Appell Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v Vincent Abela tal-24 ta' Mejju 2016).

Għalhekk din il-Qorti ser tagħmel eżami approfondit tal-provi.

Illi **fl-ewwel aggravju** l-appellant jargumenta li l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li huwa kien qed isuq għax il-Pulizija xehdu li sabuh fil-vettura u staqsewh jekk weġġħax **iżda mhux li rawh isuq il-vettura per se.**

1. Il –Pulizija ġew avżati li kien hemm ħabta għaldaqstant marru fuq il-post u l-karozza li nstab fiha l-appellant kienet diġa wiefqa maħbuta fil-karozza l-oħra li kienet ipparkjata. Ovvjament ma setax isuq u lanqas setgħu jarawh isuq il-karozza għax kien diġa ħabat meta waslu ;

2. Illi mir-ritratti jidher li kienet ħabta qawwija u kien hemm ħsarat konsiderevoli b'hekk l-ewwel ħaġa li staqsew il-Pulizija lil appellant kienitx jekk weġġħax.

3. Ma ssemmiet li kien hemm ebda persuna oħra preżenti fuq il-post la mill-Prosekuzzjoni u lanqas mill-appellant stess fir-rapport imħejji mill-Gwardjani lokali;

4. Il-parti ċivile skont ir-rapport kien ġewwa d-dar tiegħu u mad-daqqa ħareġ barra u sab il-karozza tiegħu li kienet pparkjata quddiem id-dar bid-daqqa kbira ġo fiha

*5.* Inoltre, huwa r-rapport li ġie mħejji mill-gwardjan lokali li jikkonferma ulterjorment li kien qed isuq l-appellant *mid-driver's statement* a folio 11 tal-proċess '*Kont nieżel lejn Mosta u f'daqqa waħda sibt vettura quddiem u ma stajtx nindika fejn kienet sejra din il-vettura u ħbatna'*.

6. Il-Pulizija kienu ċerti li kien qed isuq hu għax li kieku ma kienx hekk ma kienux ser jieħduh għal breathalyser test.

***7.*** Fl-affidavit tiegħu PS 1574 Renaldo Cremona a Fol 2 tal-proċess jindika lil appellant bħala x-xufier tal-karozza: '…………konna morna mill-ewwel fuq il-post sabiex nivverifikaw, fejn it-triq imsemmija konna sibna l-vettura numru :'BAH -609' tal-għamla 'Peugeot 106' f'nofs it-triq fuq il-karreggjata tax-xellug tħares il-ġewwa fid-direzzjoni tal-kappella ta' San Silvestru, w ***lix-xufier tagħha , ċertu Jesmond Gauci……..għadu bil-qegħda ġo din il-vettura'.***

8. Kieku kien qiegħed fuq in-naħa tal-passiġier ma kienx ser jindikah bħala x-xufier.

*9.* Inoltre, l-Ewwel Qorti li semgħet ix-xhieda viva voce, kkonfermat fis-sentenza tagħha li: '***Peress illi jirriżulta 'l hinn minn kull dubju li l-akkużat kien qed isuq il-vettura fil-ħin li ġara l-inċident*** *u jirriżulta wkoll 'l hinn minn kull dubju illi fil*-mument illi huwa kien

*qiegħed isuq, huwa ma kienx f'kundizzjoni illi jsuq minħabba xorb…'. Huwa ċar li l-Ewwel Qorti kienet ċerta li l-appellant kien qiegħed isuq.*

10. Din il-Qorti hija konvinta li l-appellant kien qiegħed isuq hu qabel ma ħabat u dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Illi **t-tieni aggravju** mressaq mill-appellant jirrigwarda l-iskwalifika tal-Liċenżja għal żmien sitt xhur minħabba l-fatt li huwa għandu xogħol ta' part time f'banka tal-lottu u parti mill-impjieg tiegħu huwa li jagħlaq il-banka tal-lotto u jieħu l-flus l-bank permezz tal-karozza.

Illi skont l-Artikolu 15 H tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta reati u pieni jgħid is-segwenti:

*15H.(1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel -*

*(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;*

*(b) Fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn tlett elef euro (€3,000) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), **il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur**, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena.*

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma għandhiex alternattiva l-iskwalifika tal-liċenżja hija tassativa u s-sitt (6) xhur huma fil-minimu stabbilit.

Għaldaqstant dan it-tieni aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet, tiċħad l-appell ta' Jesmond Gauci u tikkonferma s-sentenza appellata.